# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 4**

**Rikors numru 999/12 SM**

**Cartiera Lucchese Spa**

**v.**

**Cimaco Group Limited**

1. Dan huwa appell minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2013, taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u esekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ["ir-Regolament 44/2001"] illi ordna l-esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mit-*Tribunale di Lucca*, fl-Italja, fis-6 ta' Ottubru 2011 ["is-sentenza taljana"].

2. Is-sentenza taljana ordnat lil *Cimaco Group Limited* ["l-intimata"] tħallas lil *Cartieta Lucchese SpA* ["ir-rikorrenti"] sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħamsa u disgħin euro u ċenteżmu wieħed (€27,895.01), flimkien mal-imgħaxijiet sa meta jsir il-ħlas u elf, sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1,648.75) spejjeż. Is-sentenza taljana tkompli hekk:

> "Dichiara il presente decreto provvisoriamente esecutivo, ed autorizza l'esecuzione forzata senza il rispetto del termine di cui all'art. 482 cpc.
>
> "Avverte il debitore ingiunto che entro il termine di giorni 40 dalla notifica del presente atto può proporre opposizione avverso il presente decreto davanti a questo ufficio, sotto pena, in difetto, di definitività del medesimo."

3. Sar tentativ ta' notifika tas-sentenza taljana permezz tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) ["ir-Regolament 1393/2007"] iżda n-notifika ma seħħitx u l-Avukat Ġenerali fil-31 ta' Jannar 2012 iddikjara illi l-uffiċjal esekuttiv responsabbli għan-notifika "*stated that even though he tried to serve the documents even after legal hours on Cimaco Group Limited, nobody answered*".

4. Imbagħad fit-23 ta' Frar 2012 it-*Tribunale di Lucca* bagħat kopja tas-sentenza taljana lill-intimata bil-posta rakkomandata bl-avviż tal-wasla għand id-destinatarju. Mill-avviż tal-wasla relattiv ma jidhirx meta din il-kopja waslet għand l-intimata iżda l-intimata stess tistqarr, fit-tweġiba tagħha, li l-kopja waslitilha fid-29 ta' Frar 2012.

5. X'aktarx, għax mill-avviż tal-wasla ma jidhirx jekk il-kopja mibgħuta fit-23 ta' Frar 2012 kinitx waslet għand l-intimata u, jekk iva, meta waslet, it-*Tribunale di Lucca* fit-13 ta' Marzu 2012 reġa' bagħat kopja oħra, ukoll bil-posta rakkomandata, u din id-darba l-avviż relativ juri illi l-kopja waslet għand l-intimata, kif tistqarr ukoll hi stess, fis-26 ta' Marzu 2012.

6. Fl-4 ta' April 2012 l-intimata wieġbet għall-pretensjoni tar-rikorrenti b'att informali iffirmat mid-diretturi tas-soċjetà u minn avukat malti. F'din it-tweġiba l-intimata stqarret illi:

> "… … … *CIMACO* is not familiar or acquainted with the legal norms and rules of procedures prevalent in the Italian territory. Therefore, in view of the fact that the Injunction Order Petition requires that within a period of 40 days from the notification of this act he may present opposition in response to this order before this office", the present act is being drafted to the best of *CIMACO*'s abilities and knowledge in order to serve as a reply in opposition to *CARTIERA*'s claim."

7. Din it-tweġiba waslet għand ir-rikorrenti fil-5 ta' April 2012 u għand it-*Tribunale di Lucca* fis-6 ta' April 2015. Fit-tweġiba l-intimata ikkontestat

il-validità tan-notifika, il-ġurisdizzjoni tat-tribunal taljan u l-meritu tat-talba tar-rikorrenti. Minkejja dan it-*Tribunale di Lucca* fis-17 ta' April 2012 ħareġ ċertifikat ta' titolu esekuttiv għall-għanijiet tal-Art. 54 tar-Regolament 44/2001.

8. B'rikors tal-5 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrenti talbet l-esekuzzjoni tas-sentenza taljana taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolament 44/2011 u bil-provvediment tas-27 ta' Frar 2013 li minnu sar dan l-appell l-ewwel Qorti laqgħet it-talba u iddikjarat li s-sentenza taljana "hi esekwibbli u enforzabbli f'Malta *ai termini* tal-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew numru 44/2001 bil-fakoltajiet u drittijiet li l-liġi maltija takkorda fir-rigward".

9. B'rikors tal-14 ta' Marzu 2013 l-intimata appellat minn dan il-provvediment. L-aggravju huwa illi s-sentenza taljana hija "manifestament kontra l-istrateġija pubblika" ta' Malta. Fissret l-aggravju hekk:

> "… … … il-proċedura sommarja intavolata quddiem it-tribunal esteru huwa [*recte*, hija] manifestament inkompatibbli mal-prinċipji kostituttivi tal-ordni ġuridiku Malti, kif ukoll leżiva tal-prinċipji ta' gustizzja naturali surreferiti. … … … [l]l-proċedura sommarja adoperata mis-socjetà appellata quddiem it-*Tribunale di Lucca* a tenur tal-artikolu 633 tal-*Codice* di *Procedura Civile* ma fih l-ebda limitazzjonijiet simili għal dawk rikonoxxuti fl-ordinament ġuridiku malti. Għaldaqstant tali arti-kolu jista' jifforma l-bażi ta' azzjoni ġudizzjarja, kif, fil-fatt, seħħ fil-każ odjern, eserċitata fil-konfront ta' debituri illi m'għandhom assolutament

l-ebda konnessjoni fiżika jew ġuridika mat-territoriu talian jew mal-ġurisdizzioni eserċitata mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

"Illi huwa indubitat illi l-limitazzjonijiet surriferiti, konnessi mal-użu tal-proċedura sommarja kontemplata fl-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huma intiżi sabiex jiġi assigurat illi kreditur ma jkunx f'posizzjoni illi jottjeni titolu esekuttiv fil-konfront tad-debitur tiegħu illi, effettivament, ma jkunx preżenti fit-territorju malti u li, għalhekk, ma jkunx f'posizzjoni illi jirreġistra l-opposizzjoni tiegħu għall-esekuttività ta' ittra uffiċjali intavolata fil-konfront tiegħu *entro* t-terminu statutorju, u dan in omaġġ għall-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem.* Dan, iżda, ma jidhirx illi huwa l-każ għall-proċedura sommarja intavolata quddiem it-*Tribunale di Lucca* illi, kif diġà spjegat, tippermetti n-notifika tal-atti ġudizzjarji in kwistjoni lil debituri illi jinsabu barra mil-limiti territorjali taljani;

"… … … [I]l-punt ewlieni sottostanti għal din il-linja taħt argument-azzjoni huwa li fejn teżisti l-possibilità illi jiġu vjolati drittijiet fonda-mentali tal-bniedem (f'dan il-każ id-dritt ta' smigħ xieraq) tali drittijiet għandhom jingħataw preċedenza sabiex jiġu salvagwardjati fil-każijiet kollha. *In vista* taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, is-soċjetà esponenti umilment tissottometti illi tali salvagwardjar jista' jseħħ biss billi ma jiġix rikonoxxut u infurzat titolu esekuttiv illi ġie ottenut bi vjolazzjoni ta' dan il-prinċipju ta' ġustizzja naturali;

"… … …

"… … … l-argumenti suesposti jridu jitwieżnu wkoll fl-isfond tar-regola … … … illi l-ġurisdizzjoni tal-qrati maltin hija, essenzjalment, deter-minata mill-kwalitajiet tal-parti mħarrka (*actor sequitur forum rei*), liema principju, *del resto*, hija kompatibbli wkoll mal-prinċipju bażiku sottostanti għall-operat tar-Regolament 44/2001. Di fatti … … … ir-regola ġenerali sottostanti għall-operat ta' dan ir-Regolament huwa, kif provdut fl-artikolu 2 tar-Regolament, li "... persuni b'domiċilju fl Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru". Dan qiegħed jingħad sabiex jiġi sostnut il-punt illi tali regola ġurisdizzjonali, fiha nfisha, tassigura illi debitur intimat ikun f'posizzjoni illi jirrispondi b'mod adegwat għall-pretensjoni vantanta fll-konfront tiegħu u, għaldaqstant, tiġi minimizzata l-possibilità ta' leżjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem*.

"… … … [I]rid jingħad ukoll illi, filwaqt illi fuq livell superfiċjali jidher illi t-terminu ta' erbgħin ġurnata moghti mit-*Tribunale di Lucca* fid-dikriet tiegħu datat 6 ta' Ottubru 2011 japplika indiskriminatament għal kwalunkwe debitur soġġett għall-proċedura sommarja in kwistjoni, fil-

verità, għandu jirriżulta kjarament illi l-operat ta' din il-proċedura fl-assjem tagħha hija, tabilħaqq, diskriminatorja fil-konfront ta' debituri li ma għandhom l-ebda konnessjoni, *sia* fiżika jew ġuridika, mat-territorju taljan u mal-ġurisdizzjoni tal-qrati u tribunali taljani.

"Illi l-argumenti suesposti, naturalment, iridu jitqiesu, kemm fl-isfond tan-nuqqas ta' tagħrif relatat mad-dritt taljan da parti ta' debituri domiċiljati fi Stati Membri oħra, kif ukoll fl-isfond tat-terminu ferm qasir sabiex isir l-istħarriġ neċessarju u l-arranġamenti meħtiega għal rappreżentanza idoneja jekk dan ikun il-każ – fatturi illi, kjarament, huma indikattivi ta' proċedura leżiva tad-dritt ta' smigħ xieraq għal debituri illi m'għandhom l-ebda konnessjoni mat-territorju taljan.

"Illi … … … s-soċjetà esponenti tagħmel referenza wkoll għall-artikolu 34(2) tar-Regolament 44/2001, li jistipula li:

> »"Sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta:
>
> »"… … …
>
> »"2. meta jkun [*recte*, (is-sentenza) tkun] b'nuqqas ta' dehra, jekk il-konvenut ma kienx ġie servut bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sa kemm id-difensur ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jiddisputa s-sentenza meta kien possibli għalih jagħmel hekk;"

"Illi, f'dan ir-rigward, is-soċjetà esponenti tirribadixxi illi, fil-fehma tagħha, it-terminu ta' erbgħin ġurnata mogħti lilha mit-*Tribunale di Lucca* sabiex tirreġistra l-opposizzjoni tagħha għad-definittività tad-dikriet datat 6 ta' Ottubru 2011 bl-ebda mod ma kien idoneju jew suffiċjenti sabiex tħejji d-difiża tagħha b'mod adegwat. … … …

"Illi, kif diġà ngħad, minkejja illi r-risposta tas-soċjetà esponenti ġiet notifikata lir-reġistru tat-*Tribunale di Lucca entro* t-terminu mogħti għaldaqshekk, għal xi raġuni jew oħra, jidher illi dan it-tribunal xorta waħda ma ħax konjizzjoni ta' din l-opposizzioni (konxjament jew, forsi, inkonxjament *in vista* ta' xi svista amministrattiva) u, konsegwentement, emetta ċertifikat ta' esekuttività tad-dikriet surreferit fuq talba tas-soċjetà appellata sabiex tali dikriet ikun jista' jiġi rikonoxxut u infurzat fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, għall-finijiet ta' dan l-appell jista' jingħad illi, mil-lenti tat-*Tribunale di Lucca*, l-ebda opposizzjoni ma ġiet reġistrata da parti tas-soċjetà esponenti *entro* t-terminu mogħti għaldaqshekk;

"Illi, b'żjieda u in konnessjoni mal-argumenti relatati man-nuqqas ta' żmien suffiċjenti sabiex is-soċjetà esponenti tipprepara d-difiża tagħha

b'mod adegwat u idoneju, irid jingħad ukoll illi d-dokumenti refererenzjati [*sic*] fir-*ricorso per decreto ingiuntivo*, *cioè* l-fatturi formanti l-qofol u l-bażi tal-pretensjoni vantata fil-konfront tas-soċjetà esponenti, flimkien maċ-ċekkijiet hemm referenzjati u l-interpellazzjoni għall-ħlas relativa ma ġewx notifikati lis-soċjetà esponenti flimkien ma' dan l-att ġudizzjarju. Is-soċjetà esponenti hija tal-fehma umli li dan il-fatt, fih innifsu, ifisser illi, fi kwalunkwe każ, hija ma tqegħditx f'posizzjoni sabiex tkun tista' tiddefendi ruħha b'mod adegwat mill-pretensjoni vantata fil-konfront tagħha, u dan il-fattur, mingħajr ebda dubju, jinċidi wkoll fuq id-dritt ta' smigħ xieraq tas-socjetà esponenti. Naturalment, din il-konsiderazzjoni tassumi importanza ta' ċertu rilevanza meta wieħed iqis ir-riskji u l-konsegwenzi relatati ma' proċeduri ġudizzjarji ta' natura sommarja;

"Finalment jingħad li b'referenza għat-tieni data ta' notifika u *cioè* s-26 ta' Marzu 2012, jekk din kellha titqies bħala dik applikabbli, dan, effettivament, ifisser illi ċ-ċertifikat ta' esekuttività tad-dikriet tat-*Tribunale di Lucca* datat 17 ta' April 2012, fll-verità, ġie emess *entro* t-terminu ta' erbgħin ġurnata mogħti lis-soċjetà esponenti sabiex tirreġistra l-opposizzjoni tagħha għall-pretensjoni vantata fil-konfront tagħha. In linea ma' dan il-ħsieb, isegwi li tali ċertifikat ta' esekuttività ma kellu qatt jinħareġ."

10. Fis-sustanza, l-argument tal-intimata huwa illi proċedura sommarja bħal dik li biha mexa t-tribunal taljan tikser il-jedd għal smigħ xieraq għax ma tħarisx ir-regola *audi alteram partem* meta, bħal fil-każ tallum, il-konvenut ma jkunx preżenti fit-territorju tat-tribunal li quddiemu titmexxa dik il-proċedura, għax iż-żmien mogħti biex il-konvenut iħejji d-difiża tiegħu ma jkunx biżżejjed u wkoll għax l-intimata ma kinitx regolarment notifikata bl-atti relativi għall-proċeduri kontrieha.

11. Ir-rikorrenti wieġbet fl-4 ta' April 2013 u ser issir riferenza ghall-partijiet salienti taghha aktar tard f'din is-sentenza.

12. Il-Qorti tibda biex tgħid illi, għalkemm huwa minnu illi sentenza li tingħata bla tkun tħarset ir-regola *audi alteram partem* tkun kontra l-"istrateġija pubblika" (*"public policy*", fit-test ingliż) ta' Malta, il-fatt illi sentenza tista' tingħata bi proċedura sommarja wkoll fl-assenza tal-parti konvenuta ma jfissirx illi dik il-parti ma tkunx ingħatat opportunità illi tinstema', sakemm tkun ġiet regolarment notifikata u tkun ingħatat żmien biżżejjed biex tħejji d-difiża tagħha.

13. Lanqas ma huwa minnu illi żmien ta' erbgħin jum min-notifika biex twieġeb ma huwiex biżżejjed, ukoll jekk il-parti notifikata tkun domiċiljata barra t-territorju tat-tribunal. Fiż-żmien tallum, meta l-komunikazzjoni hija istantanja, id-distanza ma hijiex ta' tfixkil daqskemm kienet fi żminijiet oħra. Fil-każ tallum, li l-intimata kellha żmien biżżejjed biex tħejji d-difiża tagħha jurih il-fatt illi ħejjiet tweġiba raġonata u dettaljata fiż-żmien li ngħatalha. Tassew illi x'aktax illi din it-tweġiba ma saritx fil-forma li trid il-liġi tal-proċedura fl-Italja, iżda kien nuqqas tal-intimata li għażlet li ma tikkonsultax ma' avukat taljan meta kellha żmien biżżejjed biex tagħmel hekk.

14. Dan iwassalna għall-kwistjoni jekk, għax forsi t-tweġiba ma saritx ritwalment, it-tribunal taljan qiesx dik it-tweġiba. L-intimata tgħid illi t-tribunal taljan "ma ħax konjizzjoni" tat-tweġiba tagħha, "konxjament jew inkonxjament". Ir-rikorrenti tgħid illi t-tribunal taljan għamel sew li ma qiesx it-tweġiba, ladarba ma saritx ritwalment, għax:

> "… … …ma huwiex biżżejjed li jkun hemm kwalsiasi tip ta' opposizzjoni, iżda l-opposizzjoni għandha ssir skond il-liġi u r-regoli applikabbli. Att li ma ssirx [*recte*, ma jsirx] skond il-proċedura, anke fis-sistema taghna, titqies [jitqies] irritwali u għalhekk hija sfilzata [huwa sfilzat] u ma jitteħidx konjizzjoni tagħha [tiegħu]."

15. Jista' jkun illi jekk tribunal ma jqisx tweġiba magħmula ritwalment ikun b'hekk naqas milli jisma' lill-parti l-oħra u ma jkunx ħares ir-regola *audi alteram partem.* Fil-każ tallum, iżda, barra l-kwistjoni jekk it-tweġiba saritx ritwalment, il-fatt illi, kif tosserva l-intimata stess, it-tribunal taljan ħareġ iċ-ċertifikat ta' esekuttività qabel ma għalaq iż-żmien għat-tweġiba huwa indikazzjoni illi t-tribunal qies illi, ladarba t-tweġiba daħlet qabel ma għalaq iż-żmien, mela ma kellux għalfejn jistenna sakemm jgħaddu l-erbgħin jum. Dan ifissier illi t-tribunal taljan effettivament ra u qies it-tweġiba.

16. Tifdal il-kwsitjoni dwar ir-regolarità tan-notifika tad-dikriet tas-6 ta' Ottubru 2011 lill-intimata. Għalkemm fit-tweġiba tagħha tal-4 ta' April 2012 l-intimata ikkontestat il-validità tat-tweġiba għax ma saritx kif irid ir-

Regolament 1393/2007, ma tennietx din il-kontestazzjoni fl-appell tallum, x'aktarx għax l-Art. 14 ta' dak ir-Regolament jippermetti notifika direttament bis-servizz postali permezz ta' ittra rakkomandata bl-avviż tal-wasla għand id-destinatarju, kif sar fil-każ tallum.

17. L-intimata iżda tkompli tgħid illi n-notifika ma kinitx tiswa għax hi ma kinitx notifikata wkoll bid-dokumenti li fuqhom kienet imsejsa t-talba tar-rikorrenti, u għalhekk ma setgħetx tħejji sew id-difiża tagħha. Ir-rikorrenti wieġbet hekk:

> "Rigward dan, is-soċjetà esponenti tirrileva illi ma hemmx prova dwar dawn [*i.e.* dwar in-nuqqas ta' notifika tad-dokumenti] iżda fi kwalsiasi każ għandu jingħad li s-soċjetà appellanti kienet taf ben tajjeb bid-dokumenti in kwistjoni tant li setgħet tibgħat ittra kif fuq ingħad fejn issemmi l-istess dokumenti, u dana għaliex dawn id-dokumenti ġà kienu f'idejn is-soċjetà intimata."

18. Dwar jekk hemmx prova ta' notifika ta' dokumenti, iċ-ċertifikat ta' notifika maħruġ mill-uffiċjal tat-*Tribunale di Lucca* jgħid illi "*ho notificato l'atto che precede*". "*L-atto che precede*", fid-dokument esebit mir-rikorrenti stess, huwa r-*ricorso per decreto ingiuntivo*, id-dikriet tat-tribunal, kopja ta' dawn l-atti bl-ingliż u dikjarazzjoni bil-ġurament tat-traduttur, u dikriet tat-18 ta Ottubru 2011 b'ordni ta' esekuzzjoni: ma hemmx kopja tad-dokumenti li fuqhom hija msejsa t-talba li huma msemmija fir-*ricorso per decreto ingiuntivo* u li kienu mehmuża miegħu.

19. Lanqas ma jiswa l-argument tar-rikorrenti illi l-intimata “kienet taf ben tajjeb bid-dokumenti” għax, la ma kellhiex kopja f’idejha tad-dokumenti esebiti, ma kellha ebda mod kif tikkontrolla jekk kinux tassew id-dokumenti relevanti jew xi dokumenti oħra.

20. Biex parti f’kawża tista’ tikkontesta effettivament talba ġudizzjarja magħmula kontriha, trid ikollha f’idejha l-atti kollha li jinġiebu quddiem it-tribunal li jkun sejjer jisma’ u jaqta’ l-kawża, jew għall-inqas ikollha aċċess għal dawk id-dokumenti.

21. Fil-każ tallum l-intimata ma ngħatatx kopja tad-dokumenti, iżda kienet taf illi d-dokumenti kienu quddiem it-*Tribunale di Lucca* għax jissemmew fir-*ricorso per decreto ingiuntivo.* Kien għalhekk konsegwenza tan-nuqqas xejn għaqli tagħha li tqabbad avukat taljan fiż-żmien ta’ erbgħin jum li kellha disponibbli li baqgħet bla aċċess għal dawk id-dokumenti. Għalkemm tassew jista’ jingħad illi n-notifika tal-atti mit-tribunal taljan ma saritx kif kellha ssir, in-nuqqas ma kienx hekk gravi illi effettivament ċaħħad lill-intimata mill-jedd illi tinstema’ għax fl-aħħar mill-aħħar *imputet sibi* li baqgħet mingħajr rappresentanza effettiva quddiem it-tribunal taljan.

22. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti hija tal-fehma illi ma hemmx l-estremi li jwassluha biex ma tagħrafx is-sentenza Taljana. Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma l-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2013 fil-parti dispositiva tiegħu.

23. L-ispejjeż ta' dan l-appell tħallashom is-soċjetà intimata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Registratur
mb